MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 192/2010

**A B C**
**vs**
**L-Avukat Dottor Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar kuraturi deputati nominati biex jirrapprezentaw lil D E ta' nazzjonalita' Tajlandiza, assenti minn dawn il-Gzejjer**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk: li l-partijiet izzewgu fl-Ingilterra fit-13 ta' Mejju 2006, liema zwieg gie registrat Malta fit-8 ta' Frar 2008; li minn dan iz-zwieg il-partijiet ghandhom tifel bl-isem ta' Yoshi Chayut C li twieled fis-16 ta' Novembru 2006; li wara t-twelid tat-tifel, il-partijiet marru jghixu ghal ftit xhur it-Tajlandja, u wara, fis-26 ta' Jannar 2008 gew jirrisjedu Malta bil-ghan li jkomplu jirrisjedu hawn permanentement; li ghal habta ta' Awwissu 2008 il-

konvenuta telqet bit-tifel lejn it-Tajlanda, bl-iskuza li zzur lil genituri taghha, u minn dak iz-zmien sallum qatt ma rritornat lit-tifel Malta, ghalkemm kienet giet Malta waheda bil-ghan li titlob flus lill-attur; li ghalhekk il-konvenuta abbanudant id-dar konjugali minghajr raguni valida; li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment minhabba mohqrija, sevizzi u ngurji gravi fil-konfront ta' l-attur da parti ta' l-intimata, ukoll minhabba nuqqas ta' kompatibilita' ta' karattur bejn il-kontendenti; li l-attur ottjena d-debita awtorizzazzjoni biex jressaq l-istanza odjerna; ghaldaqstant qed jitlob li din il-Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali ad mensa et thoro bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli lill-istess attrici kif fuq intqal u tistabilixxi ghal finijiet ta' disposizzjoni ta' l-Artikolu 48C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta d-data meta l-istess konvenuta ghandha tigi kkunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda jew minhabba inkompatibilita' ta' karattru.

2. Tawtorizza lill-attur li jghix separat minn ma' martu l-konvenuta.

3. Tapplika kontra l-attrici interament jew in parti d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 tal- Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Tikkundanna lill-konvenuta tikkonsenja lill-attur il-beni kollha parafernali tieghu u tillikwida l-pretensjonijiet parafernali u partikolari ta' l-attur kontra l-komunjoni ta' l-akkwisti.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti jigu maqsuma f' zewg porzjonijiet, komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenuta ghandha tkun ikkunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attur u l-ohra lill-konvenuta, billi occorrendo ghal finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit sabiex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, Nutar

sabiex jircievi l-att relattiv u Kuratur sabiex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

6. Tawtorizza lill-attur illi jirregistra fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti.

7. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Yoshi Chayut f' idejn l-esponenti b' dan illi l-intimata tinghata access ghal binha gewwa Malta f' dawk il-granet u hinijiet li din il-Qorti jidhrilha fl-ahjar interess tal-minuri li ghandha tinghata.

8. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-esponenti manteniment xieraq ghat-trobbija u l-ghixien tal-minuri Yoshi Chayut li m' ghandux ikun inqas minn nofs il-bzonnijiet tal-minuri u liema somma tigi likwidata, jekk hemm bzonn, bl-opera ta' periti nominandi, liema somma tista' anke tinghata f' forma ta' 'lump sum' taht dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jidhrilha xierqa.

9. Tawtorizza lill-attur jirregistra fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri tal-medjazzjoni kontra l-konvenuta minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-kuraturi deputati ddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz, u rrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment tort unikament tal-konvenuta assenti, ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli

40 u 41 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

**Separazzjoni Personali**
Illi l-attur, cittadin Malti, izzewweg lill-konvenuta, cittadina Tajlandiza, fit-13 ta’ Mejju 2006, liema zwieg gie registrat Malta fit-8 ta’ Frar 2008. Fis-16 ta’ Novembru 2006 twieled it-tifel Yoshi Chayut C.

Illi fis-26 ta’ Jannar 2008 il-partijiet gew Malta bl-intenzjoni li jistabbilixxu r-residenza taghhom f’ Malta, wara li kienu qattghu tlett xhur fit-Tajlanda.

Illi fit-18 ta’ Awwissu 2008, il-konvenuta telqet minn Malta lejn it-Tajlandja bl-iskuza biex izzur lil genituri taghha, izda sallum ma rritornatx lura, u baqghet izzomm it-tifel tal-partijiet it-Tajlanda.

Illi l-attur irrakkonta kif sa minn meta kien it-Tajlanda huwa kien gie mgieghel minn martu u niesha sabiex jghaddi somom ta’ flus lil familjari taghha biex ihallsu d-djun li kellhom. Din ir-rebgha ghall-flus da part ital-konvenuta sabiex tghaddihom lill-familjari taghha kompliet tul il-konvivenza; u l-attur jispjega li *“meta l-mara tieghi kienet it-Tajlanda kienet qed tirrikattani li jekk ma kontx ntiha l-flus kienet tibghat lit-tifel ghal adozzjoni ghax hija kienet tghid li ghaliha kien piz zejjed fuqha.”* [fol.40]. Kien ghalhekk li l-attur baghat lill-konvenuta zewg lump sums ta’ LM11,000, illum ekwivalenti ghal €25,623, fi zmien tmien xhur.

Illi l-attur jispjega li, anke meta huma kienu jghixu Malta, il-konvenuta riedet li, filwaqt li hu jibqa’ jghix mal-genituri tieghu, hi tghix mal-hbieb tax-xoghol taghha, biex b’ hekk setghet tibghat somom akbar lura t-Tajlanda.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi mill-kwadru tal-fatti mhux kontraddetti, il-Qorti tosserva li l-mod kif il-konvenuta kienet tul il-konvivenza matrimonjali tuza lil zewgha sabiex tisloh flus minghandu biex tibghathom lill-familjari taghha t-Tajlanda, sa anke

baqghet tirrikattah bit-tifel tieghu, u l-mod kif hi ssoggettat il-hajja matrimonjali taghha ghal dan il-komportament abuziv taghha, jkkostitwixxi sevizzi fit-termini ta' l-artikolu 40 ta' l-imsemmi Kap.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment unikament tort tal-konvenuta li ma kinitx gharrfet tghix il-hajja matrimonjali ma' zewgha, l-attur.

Illi l-abbandun ma jirrizultax peress li jonqos ir-rekwizit taz-zmien, tenut kont tal-fatt li mill-provi jirrizulta li l-konvenuta telqet mid-dar konjugali fit-18 ta' Awwissu 2008, filwaqt li r-rikors promotur gie prezentat fl-4 ta' Mejju 2010.

**Kura u Kustodja**

Illi tenut kont li skond il-ligi Maltija z-zewg genituri ghandhom il-kura u kustodja kongunta tal-wild taghhom li twiled fiz-zwieg, u tenut kont tal-fatt li, mill-komportament tal-konvenuta fil-konfront ta' zewgha ma jidhirx li l-konvenuta hija persuna affidabbli, u wkoll, tenut kont tal-fatt li r-residenza abitwali tal-minuri qabel ma l-konvenuta telqet bih lejn it-Tajlanda, hija Malta, il-Qorti tafda l-kura u kustodja tal-minuri lill-attur, b' access favur il-konvenuta u li l-modalita' tieghu jigi stabbilit minn din il-Qorti fuq rikors appozitu.

**Manteniment**

Illi fin-nuqqas ta' provi dwar l-introjtu, kemm ta' l-attur kif ukoll tal-konvenuta, il-Qorti mhijiex fil-pozizzjoni li tiddeciedi dwar din it-talba.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenuta, u ghall-finijiet ta' l-effetti tal-artikolu 48[1][c] tal-Kap.16 tiffissa d-data tat-18 ta' Awwissu 2008;

[2] tilqa' t-tieni talba;

[3] tilqa' t-tielet talba u tapplika fil-konfront tal-konvenuta l-artikolu 48 tal-Kap.16 fl-intier tieghu;
[4] tichad ir-raba' talba, stante li ma ngabux provi fir-rigward;
[5] tilqa' il-hames talba fis-sens li tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti, filwaqt li tiddikjara li ma hemmx assi x' jigu likwidati u assenjati;
[6] tilqa' s-sitt talba;
[7] tilqa' is-seba talba fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Kura u Kustodja';
[8] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tmien talba stante li ma ngabux provi fir-rigward;

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenuta assenti, izda dawk relatati mal-kuraturi deputati ghandhom provvizorjament jithallsu mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------